MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1694/2003

**Malcolm u Maria konjugi Friggieri**

**Vs**

**Bernardette Schembri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm700.00c (seba' mitt lira Maltin) rappresentanti somma flus, parti minn somma akbar mislufa "brevi manu" lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie ppresentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm700.00c (seba' mitt lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------